Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1266/2007**

tas-26 ta' Ottubru 2007

dwaregoli implimentattivi għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE fir-rigward tal-kontroll, ta' l-immonitorjar, tas-sorveljanza u tar-restrizzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-movimenti ta' ċerti annimali ta' speċi suxxettibbli għall-*bluetongue*

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 283, 27.10.2007, p. 37)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 289/2008 tal-31 ta' Marzu 2008	L 89	3	1.4.2008
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 384/2008 tad-29 ta' April 2008	L 116	3	30.4.2008
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 394/2008 tat-30 ta' April 2008	L 117	22	1.5.2008
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 708/2008 ta' l-24 ta' Lulju 2008	L 197	18	25.7.2008
►M5	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1108/2008 tas-7 ta' Novembru 2008	L 299	17	8.11.2008
►M6	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1304/2008 tad-19 ta' Diċembru 2008	L 344	28	20.12.2008
►M7	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 123/2009 tal-10 ta' Frar 2009	L 40	3	11.2.2009
►M8	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 789/2009 tat-28 ta' Awwissu 2009	L 227	3	29.8.2009
►M9	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1156/2009 tas-27 ta' Novembru 2009	L 313	59	28.11.2009
►M10	Regolament tal-Kummisjoni (UE) Nru 1142/2010 tas-7 ta' Diċembru 2010	L 322	20	8.12.2010

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1266/2007

tas-26 ta' Ottubru 2007

dwaregoli implimentattivi għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE fir-rigward tal-kontroll, ta' l-immonitorjar, tas-sorveljanza u tar-restrizzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-movimenti ta' ċerti annimali ta' speċi suxxettibbli għall-*bluetongue*

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE tal-21 Diċembru 1982 dwar in-notifika ta' mard ta' l-annimali fil-Komunità [1], u b'mod partikolari t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 5(2),

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE ta' l-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-qerda tal-*bluetongue* [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) u (3), l-Artikolu 8(2)(d), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 9(1)(ċ), l-Artikoli 11 u 12 u t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2000/75/KE tistabbilixxi regoli ta' kontroll u miżuri sabiex jingħeleb il-virus *bluetongue* fil-Komunità, inkluż li jkunu stabbiliti żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza u projbizzjoni fuq annimali ta' l-ispeċi suxxettibbli li jitilqu minn dawk iż-żoni. Tista' tittieħed deċiżjoni dwar l-eżenzjonijiet minn dik il-projbizzjoni mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura prevista f'dik id-Direttiva.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/393/KE tat-23 ta' Mejju 2005 dwar żoni ta' protezzjoni u sorveljanza fir-rigward tal-*bluetongue* u l-kondizzjonijiet li japplikaw għall-movimenti li joriġinaw jew jgħaddu minn dawn iż-żoni [3], tipprovdi għad-demarkazzjoni taż-żoni ġeografiċi globali fejn għandhom jiġu stabbiliti ż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza ("iż-żoni ristretti") mill-Istati Membri.

(3) Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2005/393/KE, is-sitwazzjoni tal-*bluetongue* fil-Komunità tbiddlet b'mod konsiderevoli u nkisbet esperjenza ġdida dwar il-kontroll tal-marda, b'mod partikolari wara l-inkursjonijiet riċenti ta' serotipi ġodda tal-virus *bluetongue*, fosthom tas-serotip 8 f'żona tal-Komunità fejn qabel qatt ma ġew irrapportati inċidenzi u li ma kenitx titqies li tinsab f'riskju tal-*bluetongue*, u tas-serotip 1 ta' dak il-virus.

---

[1] ĠU L 378, 31.12.1982. Id-Direttiva emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/216/KE (ĠU L 67, 5.3.2004, p. 27).

[2] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74. Id-Direttiva emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

[3] ĠU L 130, 24.5.2005, p. 22. Id-Deċiżjoni emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2007/357/KE (ĠU L 133, 25.5.2007, p. 44).

▼B

(4) Fuq il-bażi ta' l-esperjenza li nkisbet, huwa xieraq li tittejjeb l-armonizzazzjoni fuq livell tal-Komunità tar-regoli dwar il-kontroll, l-immonitorjar, is-sorveljanza, u r-restrizzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-movimenti ta' annimali suxxettibbli, esklużi annimali selvaġġi, f'relazzjoni mal-*bluetongue* minħabba li huma ta' importanza fundamentali għall-kummerċ sikur ta' annimali suxxettibbli mrobbijin li jiċċaqilqu fi ħdan żoni ristretti u minnhom, bl-għan li tkun stabbilita strateġija iktar sostenibbli għall-kontroll tal-*bluetongue*. Għall-finijiet ta' l-armonizzazzjoni u taċ-ċarezza, għaldaqstant huwa neċessarju li d-Deċiżjoni 2005/393/KE tiġi rrevokata u mibdula b'dan ir-Regolament.

(5) Is-sitwazzjoni l-ġdida fir-rigward tal-*bluetongue* wasslet ukoll lill-Kummissjoni li titlob parir xjentifiku u appoġġ mill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) li kkonsenjat żewġ rapporti xjentifiċi u żewġ opinjonijiet xjentifiċi dwar il-*bluetongue* fl-2007.

(6) F'konformità mad-Direttiva 2000/75/KE, id-demarkazzjoni ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza għandha tqis il-fatturi ġeografiċi, amministrattivi, ekoloġiċi u epiżoţjoloġiċi marbutin mal-*bluetongue* u l-arranġamenti għall-kontroll. Sabiex jitqiesu dawn il-fatturi, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli fir-rigward tar-rekwiżiti minimi armonizzati għall-immonitorjar u għas-sorveljanza tal-*bluetongue* fil-Komunità.

(7) Is-sorveljanza u l-iskambju ta' tagħrif huma elementi ewlenin ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskji għall-miżuri ta' kontroll tal-*bluetongue*. Għal dan l-għan, huwa xieraq, barra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/75/KE, li tkun prevista b'mod partikolari definizzjoni ta' każ ta' *bluetongue*, sabiex ikun hemm għarfien komuni tal-parametri essenzjali rrelatati ma' tifqigħa tal-bluetongue.

(8) Barra minn hekk, il-kunċett ta' żoni ristretti, użat fid-Deċiżjoni 2005/393/KE, wera li huwa xieraq, l-iktar jekk tiġi skoperta l-preżenza tal-virus *bluetongue* fiż-żoni affettwati f'żewġ staġuni konsekuttivi. Għal raġunijiet prattiċi u għall-finijiet taċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità, huwa xieraq li tkun prevista definizzjoni ta' żoni ristretti, li tikkonsisti f'żoni kemm ta' protezzjoni kif ukoll ta' sorveljanza ddemarkati mill-Istati Membri f'konformità ma' l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2000/75/KE.

(9) Id-determinazzjoni ta' żona ħielsa mill-*bluetongue* skond l-istaġun li s-sorveljanza tagħha ma turi ebda evidenza ta' trażmissjoni tal-*bluetongue* jew ta' organiżmi kompetenti li jġorru l-mikrobu hija għodda essenzjali għal immaniġġjar sostenibbli ta' inċidenzi tal-*bluetongue* li tippermetti movimenti sikuri. Għal dan l-għan, huwa xieraq li jkunu previsti kriterji armonizzati li għandhom jintużaw għad-definizzjoni tal-perjodu ħieles mill-organiżmi li jġorru l-mikrobu skond l-istaġun.

▼B

(10) Inċidenzi tal-*bluetongue* għandhom jiġu nnotifikati f'konformità ma' l-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE, bl-użu ta' l-għamliet ikkodifikati u l-kodiċijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-1 ta' Marzu 2005 li twaqqaf l-għamla kkodifikata u l-kodiċi għan-notifika tal-mard ta' l-annimali skond id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE ([1]). Fid-dawl ta' l-iżvilupp epidemjoloġiku attwali tal-*bluetongue*, l-ambitu ta' dan ir-rekwiżit ta' notifika għandu jkun adattat b'mod temporanju billi jkun iddefinit b'mod iktar preċiż l-obbligu li jkunu nnotifikati inċidenzi primarji.

(11) Skond l-opinjoni tal-Penil Xjentifiku ta' l-EFSA għas-Saħħa u s-Sigurtà ta' l-Annimali dwar l-oriġini u l-okkorrenza tal-*bluetongue* ([2]), adottata nhar is-27 ta' April 2007, huwa essenzjali li programmi xierqa ta' sorveljanza jitqiegħdu fis-seħħ sabiex tkun investigata l-okkorrenza tal-*bluetongue* fl-iktar stadju bikri possibbli. Programmi ta' sorveljanza bħal dawn għandhom jinkludu komponent kliniku, seroloġiku u entomoloġiku li għandu jopera mingħajr xkiel fl-Istati Membri kollha.

(12) Huwa meħtieġ approċċ integrat fuq livell tal-Komunità sabiex ikun jista' jiġi analizzat tagħrif epidemjoloġiku pprovdut mill-programmi għall-immonitorjar u għas-sorveljanza tal-*bluetongue*, inkluża distribuzzjoni kemm reġjonali kif ukoll globali ta' l-infezzjoni tal-*bluetongue*, kif ukoll ta' l-organiżmi li jġorru l-mikrobu.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ([3]) tipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-qerda, il-kontroll u l-immonitorjar tal-*bluetongue*.

(14) F'konformità mad-Deċiżjoni 90/424/KEE, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2007 li tikkonċerna l-kontribut finanzjarju mill-Komunità lill-Italja għall-implimentazzjoni ta' sistema għall-ġbir u l-analiżi ta' tagħrif epidemjoloġiku dwar il-*bluetongue* ([4]) stabbilixxiet il-*BlueTongue NETwork application* ("BT-Net system"), li hija sistema fuq l-internet għall-ġbir, il-ħażna u l-analiżi ta' dejta ta' sorveljanza tal-*bluetongue* fl-Istati Membri. Użu sħiħ ta' din is-sistema huwa ta' importanza fundamentali sabiex ikunu stabbiliti l-iktar miżuri xierqa għall-kontroll tal-marda, għall-verifika ta' l-effikaċja tagħhom u sabiex ikunu permessi movimenti sikuri ta' annimali ta' speċi suxxettibbli. Sabiex ikunu żgurati skambji iktar effettivi u effiċjenti ta' tagħrif dwar il-programmi għall-immonitorjar u għas-sorveljanza tal-*bluetongue* fis-seħħ bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, għaldaqstant dawk l-iskambji għandhom isiru permezz tal-*BT-Net system*.

([1]) OJ L 59, 5.3.2005, p. 40. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2007/924/KE (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 48).
([2]) Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2007) 480, 1-20.
([3]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
([4]) ĠU L 139, 31.5.2007, p. 30.

▼B

(15) Sakemm ma jidhirx neċessarju li wieħed jipproċedi għad-demarkazzjoni ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fuq livell tal-Komunità f'konformità ma' l-Artikolu 8(2)(d) tad-Direttiva 2000/75/KE, dik id-demarkazzjoni għandha titwettaq mill-Istati Membri. Madankollu, għall-finijiet ta' trasparenza, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza tagħhom u kull bidla fihom mingħajr ebda dewmien. B'mod partikolari, jekk Stat Membru jkollu l-ħsieb li ma jżommx żona ġeografika rilevanti b'mod epidemjoloġiku f'żona ristretta, dan għandu jipprovdi minn qabel lill-Kummissjoni t-tagħrif rilevanti sabiex jissostanzja l-assenza taċ-ċirkolazzjoni tal-virus *bluetongue* f'din iż-żona.

(16) Eżenzjonijiet mill-projbizzjoni fuq il-ħruġ applikabbli għal movimenti ta' annimali suxxettibbli, is-semen, il-bajd u l-embrijuni tagħhom, miż-żona ristretta għandhom ikunu awtorizzati fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskji li tqis id-dejta miġbura permezz tal-programm għas-sorveljanza tal-*bluetongue*, l-iskambju ta' dejta ma' Stati Membri oħrajn u mal-Kummissjoni permezz tal-*BT-Net system*, id-destinazzjoni ta' l-annimali, u l-konformità tagħhom ma' ċerti rekwiżiti tas-saħħa li jiggarantixxu s-sigurtà ta' l-annimali. Movimenti ta' annimali għall-qatla immedjata għandhom ukoll jiġu eżentati mill-projbizzjoni fuq il-ħruġ taħt ċerti kondizzjonijiet. Wara li jitqies il-livell baxx ta' riskju ta' movimenti ta' annimali għall-qatla immedjata u ċerti fatturi ta' mitigazzjoni tar-riskji, huwa xieraq li jkunu previsti kondizzjonijiet speċifiċi li jnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskju ta' trażmissjoni tal-virus billi t-trasport ta' l-annimali jkun iggwidat minn azjenda li tinsab f'żona ristretta lejn biċċeriji magħżulin fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tar-riskji.

(17) Movimenti ta' annimali fi ħdan l-istess żona ristretta fejn qiegħed jiċċirkola jew qegħdin jiċċirkolaw l-istess serotip jew serotipi tal-virus *bluetongue*, ma jippreżentawx riskju addizzjonali għas-saħħa ta' l-annimali u għaldaqstant għandhom ikunu permessi mill-awtorità kompetenti taħt ċerti kondizzjonijiet.

(18) Skond l-opinjoni tal-Penil Xjentifiku ta' l-EFSA għas-Saħħa u s-Sigurtà ta' l-Annimali dwar organiżmi li jġorru l-mikrobi u vaċċini ([1]), adottata nhar is-27 ta' April 2007, movimenti ta' annimali immuni minħabba tilqim jew annimali immuni b'mod naturali jistgħu jitqiesu sikuri irrispettivament miċ-ċirkolazzjoni tal-virus fil-post ta' l-oriġini jew l-attività ta' l-organiżmi li jġorru l-mikrobu fil-post tad-destinazzjoni. Għaldaqstant, huwa neċessarju li jkunu previsti l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati minn annimali immuni qabel ma jitressqu minn żona ristretta.

([1]) Il-Ġurnal ta' l-EFSA (2007) 479, 1-29.

▼B

(19) Id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità ([1]), id-Direttiva tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju tan-nagħaġ u tal-mogħoż ([2]), id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, bajd u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa ta' l-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A (1) tad-Direttiva 90/425/KEE ([3]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/444/KEE tat-2 ta' Lulju 1993 dwar ir-regoli dettaljati li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju f'ċerti annimali ħajjin u prodotti intiżi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi ([4]), jipprovdu li ċertifikati tas-saħħa għandhom jakkumpanjaw il-movimenti ta' l-annimali. Meta eżenzjonijiet mill-projbizzjoni fuq il-ħruġ applikabbli għal movimenti ta' annimali ta' speċi suxxettibbli miż-żona ristretta jiġu applikati għal annimali maħsubin għall-kummerċ fil-Komunità jew għall-esportazzjoni lejn pajjiż terz, dawk iċ-ċertifikati għandhom jinkludu referenza għal dan ir-Regolament.

(20) F'konformità ma' l-opinjoni ta' l-EFSA dwar organiżmi li jġorru l-mikrobu u vaċċini, huwa xieraq li jkunu stabbiliti l-kondizzjonijiet għat-trattament b'insettiċidi awtorizzati fil-post tat-tgħabbija ta' l-organiżmi li jġorru annimali suxxettibbli minn żona ristretta lejn żoni barra żona ristretta jew fihom. Meta matul it-tranżitu minn żona ristretta jkun previst perjodu ta' mistrieħ f'post ta' kontroll, l-annimali għandhom jiġu protetti minn kull attakk minn organiżmi li jġorru l-mikrobu. Madankollu, it-trattament b'insettiċidi awtorizzati ta' annimali, ta' bini u tal-viċinanzi tagħhom f'azjendi infettati għandu jsir biss wara protokoll definit fuq il-bażi tar-riżultat pożittiv ta' evalwazzjoni tar-riskji każ b'każ li tqis dejta ġeografika, epidemjoloġika, ekoloġika, ambjentali, entomoloġika u ta' evalwazzjoni ta' l-ispejjeż u tal-benefiċċji.

(21) Iċ-ċertifikati tas-saħħa previsti fid-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE u fid-Deċiżjoni 93/444/KEE li jkopru annimali maħsubin għall-kummerċ fil-Komunità jew għall-esportazzjoni lejn pajjiż terz għandhom jinkludu referenza għal kull trattament b'insettiċidi li jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament.

(22) Bl-għan li titqies il-ħtieġa li jkun evitat tħarbit mhux neċessarju fil-kummerċ, hija ħaġa urġenti li tkun stabbilita strateġija sostenibbli għall-kontroll tal-virus *bluetongue* sabiex ikun jista' jsir kummerċ sikur ta' annimali ta' speċi suxxettibbli li jitressqu fi ħdan jew minn żoni ristretti.

([1]) ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/1964. Id-Direttiva emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/104/KE.
([2]) ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19. Id-Direttiva emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/-104/KE.
([3]) ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54. Id-Direttiva emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/265/KE (ĠU L 114, 1.5.2007, p. 17).
([4]) ĠU L 208, 19.8.1993, p. 34.

▼B

(23) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

SUĠĠETT U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-kontroll, għall-immonitorjar, għas-sorveljanza u għar-restrizzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-movimenti ta' annimali bit-tifsira ta' l-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2000/75/KE, f'relazzjoni mal-*bluetongue*, fiż-żoni ristretti u minnhom.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/75/KE.

Barra minn hekk, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "każ ta' *bluetongue*" ifisser annimal li jissodisfa wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(i) jippreżenta sinjali kliniċi konsistenti mal-preżenza tal-*bluetongue*;

(ii) huwa annimal ta' l-għassa li wera riżultati seroloġiċi negattivi f'test preċedenti u saret fih serokonverżjoni min-negattiv għall-pożittiv għal antikorpi f'mill-inqas serotip wieħed tal-*bluetongue* minn mindu sar dan it-test;

(iii) huwa annimal li minnu ġie iżolat u identifikat il-virus *bluetongue*;

(iv) huwa annimal li rriżulta pożittiv għal testijiet seroloġiċi tal-*bluetongue* jew li minnu ġew identifikati antiġen virali jew aċidu ribonuklejku virali (RNA) speċifiċi għal wieħed jew iktar mis-serotipi tal-*bluetongue*.

Barra minn hekk, sett ta' dejta epidemjoloġika għandu jindika li s-sinjali kliniċi jew ir-riżultati ta' testijiet tal-laboratorju li jissuġġerixxu infezzjoni tal-*bluetongue* huma l-konsegwenza taċ-ċirkolazzjoni tal-virus fl-azjenda li fiha jinżamm l-annimal u mhux ir-riżultat ta' l-introduzzjoni ta' annimali vvaċċinati jew seropożittivi minn żoni ristretti;

(b) "inċidenza tal-*bluetongue*" tfisser incidenza ta' dik il-marda kif iddefinita fl-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 82/894/KEE;

▼B

(ċ) “inċidenza primarja tal-*bluetongue*” tfisser inċidenza kif iddefinit fl-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 82/894/KEE, filwaqt li jitqies il-fatt li, għall-finijiet ta’ l-applikazzjoni ta’ l-ewwel inċiż ta’ l-Artikolu 3(1) ta’ din id-Direttiva, każ ta’ bluetongue huwa inċidenza primarja fil-każijiet li ġejjin:

(i) jekk ma jkunx marbut b’mod epidemjoloġiku ma’ inċidenza preċedenti; jew

(ii) jimplika d-demarkazzjoni ta’ żona ristretta jew bidla f’żona ristretta eżistenti kif irreferit fl-Artikolu 6;

(d) “żona ristretta” tfisser żona li tikkonsisti f’żoni kemm ta’ protezzjoni kif ukoll ta’ sorveljanza stabbilita f’konformità ma’ l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2000/75/KE;

(e) “żona ħielsa mill-*bluetongue* skond l-istaġun” tfisser żona ġeografika rilevanti b’mod epidemjoloġiku ta’ Stat Membru li għaliha s-sorveljanza, għal parti mis-sena, ma turi ebda evidenza ta’ trażmissjoni tal-virus *bluetongue* jew ta’ *Culicoides* adulti li x’aktarx ikunu organiżmi kompetenti li jġorru l-mikrobu tal-*bluetongue*;

(f) “tranżitu” ifisser il-moviment ta’ annimali:

(i) minn żona ristretta jew fiha;

(ii) minn żona ristretta, f’żona mhux ristretta u lura lejn l-istess żona ristretta; jew

(iii) minn żona ristretta, f’żona mhux ristretta u lejn żona oħra ristretta.

KAPITOLU 2

IMMONITORJAR U SORVELJANZA U SKAMBJU TA’ TAGĦRIF

Artikolu 3

Notifika tal-*bluetongue*

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw inċidenzi primarji u inċidenzi tal-bluetongue permezz tas-Sistema ta’ Notifika tal-Mard ta’ l-Annimali, bl-użu ta’ għamliet ikkodifikati u l-kodiċijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni 2005/176/KE.

Artikolu 4

Programmi għall-immonitorjar u għas-sorveljanza tal-*bluetongue*

L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-programmi li ġejjin f’konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness I:

(a) programmi għall-immonitorjar tal-*bluetongue* f’żoni ristretti (“il-programmi għall-immonitorjar tal-*bluetongue*”);

(b) programmi għas-sorveljanza tal-*bluetongue* barra minn żoni ristretti (“programmi għas-sorveljanza tal-*bluetongue*”).

▼B

Artikolu 5

Tagħrif epidemjoloġiku

1. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-*BlueTongue NETwork application* (“*BT-Net system*”), stabbilita mid-Deċiżjoni 2007/367/KE, tagħrif dwar il-*bluetongue* miġbur matul l-implimentazzjoni tal-programmi għall-immonitorjar u/jew għas-sorveljanza tal-*bluetongue*, u b’mod partikolari:

(a) rapport fix-xahar, li jiġi trasmess mhux iktar tard minn xahar wara t-tmiem tax-xahar tar-rapportar, li għandu jikkonsisti mill-inqas minn:

(i) dejta dwar l-annimali ta’ l-għassa mill-programmi għall-immonitorjar tal-*bluetongue* fis-seħħ fiż-żoni ristretti;

(ii) dejta entomoloġika mill-programmi għall-immonitorjar tal-*bluetongue* fis-seħħ fiż-żoni ristretti;

(b) rapport intermedju li jkopri l-ewwel sitt xhur tas-sena, u li jiġi trasmess kull sena sal-31 ta’ Lulju l-iktar tard, li għandu jikkonsisti mill-inqas f’:

(i) dejta mill-programmi għas-sorveljanza tal-*bluetongue* fis-seħħ barra miż-żoni ristretti;

(ii) dejta dwar it-tilqim miż-żoni ristretti;

(ċ) rapport annwali, li jiġi trasmess sa mhux aktar tard mit-30 ta’ April tas-sena ta’ wara, li għandu jikkonsisti fit-tagħrif irreferit fil-punti (b)(i) u (ii) għas-sena preċedenti.

2. It-tagħrif li għandu jiġi trasmess lill-*BT-Net system* huwa stabbilit fl-Anness II.

KAPITOLU 3

RESTRIZZJONIJIET F’DAK LI GĦANDU X’JAQSAM MAL-MOVIMENTI TA’ L-ANNIMALI U TAS-SEMEN, TAL-BAJD U TA’ L-EMBRIJUNI TAGĦHOM

Artikolu 6

Żoni ristretti

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni ż-żoni ristretti tagħhom, u kull bidla fis-sitwazzjoni ta’ dawk iż-żoni fi żmien 24 siegħa.

2. Qabel ma jieħdu kull deċiżjoni sabiex ineħħu żona ġeografika rilevanti b’mod epidemjoloġiku minn żona ristretta, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bit-tagħrif issostanzjat li juri l-assenza taċ-ċirkolazzjoni tal-virus *bluetongue* f’dik iż-żona matul perjodu ta’ sentejn wara l-implimentazzjoni tal-programm għall-immonitorjar tal-*bluetongue*.

3. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri, fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta’ l-Annimali, il-lista ta’ żoni ristretti.

▼B

4. L-Istati Membri għandhom ifasslu u jżommu aġġornata lista taż-żoni ristretti fit-territorju tagħhom u jagħmluha disponibbli għall-Istati Membri l-oħrajn u għall-pubbliku.

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, għall-finijiet ta' tagħrif biss, fuq is-sit ta' l-internet tagħha l-lista aġġornata ta' żoni ristretti.

Din il-lista għandha tinkludi tagħrif dwar is-serotipi tal-virus tal-*bluetongue* li jiċċirkolaw f'kull żona ristretta, li jippermetti, għall-finijiet ta' l-Artikoli 7 u 8, l-identifikazzjoni taż-żoni ristretti ddemarkati fi Stati Membri differenti fejn l-istess serotipi tal-virus tal-*bluetongue* jkunu qegħdin jiċċirkolaw.

Artikolu 7

Kondizzjonijiet għal movimenti fi ħdan l-istess żona ristretta

1. Movimenti ta' annimali fi ħdan l-istess żona ristretta fejn l-istess serotip jew serotipi tal-virus tal-*bluetongue* qiegħed jiċċirkola jew qegħdin jiċċirkolaw għandhom ikunu permessi mill-awtorità kompetenti sakemm l-annimali li jkunu se jiċċaqilqu ma juruwx xi sinjal kliniku tal-*bluetongue* dakinhar tat-trasport.

2. Madankollu, movimenti ta' annimali minn żona protetta lejn żona ta' sorveljanza jistgħu jkunu permessi biss jekk:

(a) l-annimali jkunu konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III; jew

(b) l-annimali jkunu konformi ma' kull garanzija oħra xierqa tas-saħħa ta' l-annimali bbażata fuq riżultat pożittiv ta' evalwazzjoni tar-riskji ta' miżuri kontra t-tixrid tal-virus tal-*bluetongue* u l-protezzjoni kontra attakki minn organiżmi li jġorru l-mikrobu, meħtieġa mill-awtorità kompetenti tal-post ta' l-oriġini u approvata mill-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni, qabel ma jsir il-moviment ta' annimali bħal dawn; jew

(ċ) l-annimali huma ddestinati għall-qatla immedjata.

▼M8

2a. L-Istati Membri jistgħu, fuq il-bażi tar-riżultati ta' evalwazzjoni tar-riskji li trid tikkunsidra biżżejjed dejta epidemijoloġika miġbura wara l-implimentazzjoni tal-monitoraġġ skont il-punt 1.1.2.1 jew il-punt 1.1.2.2 tal-Anness I, jiddemarkaw parti minn żona protetta bħala "żona ristretta mlaqqma u mingħajr ċirkolazzjoni ta' xi serotip speċifiku jew serotipi speċifiċi tal-virus tal-bluetongue" ("żona b'riskju aktar baxx"), suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

▼M7

(i) it-tilqim ikun appplikat f'dik il-parti taż-żona protetta għal serotip speċifiku jew serotipi speċifiċi tal-virus tal-*bluetongue*;

(ii) dak is-serotip speċifiku jew is-serotipi speċifiċi tal-virus tal-*bluetongue* ma jeżistux f'dik il-parti taż-żona protetta.

▼M7

Stat Membru li għandu l-intenzjoni li jiddemarka parti minn żona protetta bħala "żona b'riskju aktar baxx" għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'din l-intenzjoni. Din in-notifika għanda tkun akkumpanjata mill-informazzjoni u d-dejta kollha neċessarja biex tkun ġustifikata d-demarkazzjoni fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemijoloġika taż-żona kkonċernata, b'mod partikolari fir-rigward tal-eżistenza tal-programm ta' monitoraġġ tal-*bluetongue*. Huwa għandu wkoll jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra b'dan mingħajr dewmien.

Il-moviment tal-annimali fl-istess żona ristretta minn żona fejn jiċċirkolaw serotip jew serotipi tal-virus tal-*bluetongue* għal parti mill-istess żona ristretta ddemarkata bħala "żona b'riskju aktar baxx" jista' biss ikun permess jekk:

(a) l-annimali jkunu konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III; jew

(b) l-annimali jkunu konformi ma' kull garanzija oħra xierqa tas-saħħa tal-annimali bbażata fuq riżultat pożittiv ta' evalwazzjoni tar-riskji ta' miżuri kontra t-tixrid tal-virus tal-*bluetongue* u l-protezzjoni kontra attakki minn organiżmi li jġorru l-mikrobu, meħtieġa mill-awtorità kompetenti tal-post tal-oriġini u approvata mill-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni, qabel ma jsir il-moviment ta' annimali bħal dawn; jew

(ċ) l-annimali huma ddestinati għall-qatla immedjata.

3. L-Istat Membru tal-oriġini għandu minnufih jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar il-garanziji tas-saħħa tal-annimali msemmija fil-paragrafu 2(b) jew 2a(b).

4. Għall-annimali msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 2a ta' dan l-Artikolu, il-kliem addizzjonali li ġej għandu jiżdied maċ-ċertifikati korrispondenti tas-saħħa stabbiliti fid-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE, jew imsemmija fid-Deċiżjoni 93/444/KEE:

"Annimali f'konformità ma' … (l-Artikolu 7(1) jew 7(2)(a) jew 7(2)(b) jew 7(2)(ċ), jew 7(2a)(a) jew 7(2a)(b), jew 7(2a)(ċ), indika kif xieraq) tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007".

▼B

Artikolu 8

Kondizzjonijiet għall-eżenzjoni mill-projbizzjoni fuq il-ħruġ previsti fid-Direttiva 2000/75/KE

1. Movimenti ta' annimali, tas-semen, tal-bajd u ta' l-embrijuni tagħhom, minn azjenda jew ċentru għall-ġbir jew għall-ħażna tas-semen li jinsabu f'żona ristretta lejn azjenda oħra jew ċentru ieħor għall-ġbir jew għall-ħażna tas-semen għandhom ikunu eżentati mill-projbizzjoni fuq il-ħruġ stabbilita f'konformità ma' l-Artikolu 9(1)(ċ) u l-punt 1 ta' l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2000/75/KE sakemm l-annimali, is-semen, il-bajd u l-embrijuni tagħhom ikunu konformi:

▼B

(a) mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III għal dan ir-Regolament; jew

(b) ma' kull garanzija oħra xierqa tas-saħħa ta' l-annimali bbażata fuq riżultat pożittiv ta' evalwazzjoni tar-riskji ta' miżuri kontra t-tixrid tal-virus tal-*bluetongue* u l-protezzjoni kontra attakki minn organiżmi li jġorru l-mikrobu, meħtieġa mill-awtorità kompetenti tal-post ta' l-oriġini u approvata mill-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni, qabel ma jsir il-moviment ta' annimali bħal dawn.

2. L-Istat Membru ta' l-oriġini għandu minnufih jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar il-garanziji tas-saħħa ta' l-annimali rreferiti fil-paragrafu 1(b).

3. Għandha tiġi stabbilita proċedura ta' gwida, taħt il-kontroll ta' l-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni, sabiex ikun żgurat li l-annimali, is-semen, il-bajd u l-embrijuni tagħhom li jitressqu f'konformità mal-kondizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1(b), ma jitressqux b'mod sussegwenti lejn Stat Membru ieħor għajr meta l-annimali jkunu konformi mal-kondizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1(a).

4. Movimenti ta' annimali minn azjenda li tinsab f'żona ristretta għall-qatla immedjata għandhom ikunu eżentati mill-projbizzjoni fuq il-ħruġ f'konformità ma' l-Artikolu 9(1)(ċ) u l-punt 1 ta' l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2000/75/KE sakemm:

(a) ebda każ ta' *bluetongue* ma jkun ġie rreġistrat fl-azjenda ta' l-oriġini għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ;

▼M4

(b) l-annimali jiġu ttrasportati

— taħt superviżjoni veterinarja lejn il-biċċerija tad-destinazzjoni, fejn għandhom jinqatlu fi żmien 24 siegħa mill-wasla u

— direttament, sakemm ma jkunx hemm perjodu ta' mistrieħ previst mir-Regolament (KE) Nru 1/2005 ([1]) f'post tal-kontroll li jkun jinsab fl-istess żona ristretta;

▼B

(c) l-awtorità kompetenti fil-post tad-dispaċċ tinnotifika l-moviment maħsub ta' l-annimali lill-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni mill-inqas 48 siegħa qabel it-tgħabbija ta' l-annimali.

5. Minkejja l-paragrafu 4(b), l-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni tista' tesiġi, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tar-riskji, li l-awtorità kompetenti tal-post ta' l-oriġini tistabbilixxi proċedura ta' gwida rreferita fiha għat-trasport ta' l-annimali lejn biċċeriji magħżulin.

Kull biċċerija magħżula bħal din għandha tiġi identifikata fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tar-riskji li għandha tqis il-kriterji stabbiliti fl-Anness IV.

Tagħrif dwar il-biċċeriji magħżulin għandu jkun disponibbli għall-Istati Membri l-oħrajn u għall-pubbliku. Dan it-tagħrif għandu jkun disponibbli wkoll permezz tal-*BT-Net system*.

([1]) ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.

▼M4

5a. Iċ-ċaqliq ta' annimali li ma jkunux iċċertifikati skond il-paragrafu (1) minn stabbiliment li jkun jinsab f'żona ristretta direttament lejn il-punt tal-ħruġ, kif definit fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 93/444/KEE, għall-esportazzjoni lejn pajjiż terz, għandu jkun eżentat mill-projbizzjoni fuq il-ħruġ stabbilita skond l-Artikolu 9(1)(c) u l-punt 1 ta' l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2000/75/KE bil-kundizzjoni li:

(a) ebda każ ta' bluetongue ma jkun ġie rreġistrat fl-istabbiliment ta' l-oriġini għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tad-dispaċċ;

(b) l-annimali jiġu ttrasportati lejn il-punt tal-ħruġ

— taħt superviżjoni uffiċjali u

— direttament, sakemm ma jkunx hemm perjodu ta' mistrieħ previst mir-Regolament (KE) Nru 1/2005 f'post tal-kontroll li jkun jinsab fl-istess żona ristretta.

6. Għall-annimali, is-semen, il-bajd u l-embrijuni tagħhom imsemmija fil-paragrafi 1, 4 u 5a ta' dan l-Artikolu, il-kliem addizzjonali li ġej għandu jiżdied maċ-ċertifikati korrispondenti tas-saħħa stabbiliti fid-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE, jew imsemmija fid-Deċiżjoni 93/444/KEE:

"… (Semen, bajd u embrijuni ta' l-annimali - indika skond il-każ) f'konformità ma' … (l-Artikolu 8(1)(a) jew 8(1)(b) jew 8(4) jew 8(5a), indika skond il-każ) tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007".

▼B

Artikolu 9

Kondizzjonijiet oħrajn għat-tranżitu ta' l-annimali

1. It-tranżitu ta' l-annimali għandu jkun permess mill-awtorità kompetenti sakemm:

(a) annimali minn żona ristretta li jitressqu f'żoni barra miż-żona ristretta u l-mezzi li fihom jiġu ttrasportati jiġu ttrattati b'insettiċidi u/jew b'elementi kimiċi li jkeċċu l-insetti li huma awtorizzati wara li jsiru tindif u diżinfezzjoni xierqa fil-post tat-tgħabbija u f'kull każ qabel ma jitilqu miż-żona ristretta;

(b) annimali li jitressqu minn żona barra minn żona ristretta lejn żona ristretta u l-mezzi li fihom jiġu ttrasportati jiġu ttrattati b'insettiċidi u/jew b'elementi kimiċi awtorizzati li jkeċċu l-insetti wara li jsiru tindif u diżinfezzjoni xierqa fil-post tat-tgħabbija u f'kull każ qabel ma jidħlu fiż-żona ristretta;

▼M8

(ċ) meta jkun previst perjodu ta' mistrieħ ta' aktar minn jum wieħed f'post ta' kontroll matul il-moviment lejn żona ristretta, l-annimali jkunu mħarsa kontra attakki minn organiżmi li jġorru l-mikrobu fi stabbiliment li jirreżisti dawn l-organiżmi.

2. Paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandux japplika jekk isir it-tranżitu:

(a) esklussivament minn jew permezz ta' żoni ġeografiċi epidemjoloġikament rilevanti taż-żona restritta waqt il-perjodu staġjonali ħieles minn organiżmi li jġorru l-mikrobu ddefiniti f'konformità ma' Anness V, jew

▼**M8**

(b) minn jew permezz ta' partijiet taż-żona restritta ddemarkata bħala "żona ta' riskju aktar baxx" f'konformità mal-Artikolu 7(2a).

3. Fejn l-annimali jikkonformaw ma' mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet stipulati fil-punti 5, 6 u 7 tat-Taqsima A tal-Anness III, it-trattament tal-annimali previst fil-paragrafu 1(a) u (b) u l-ħarsien tal-annimali previst fil-paragrafu 1(c) m'għandhomx japplikaw.

4. Għall-annimali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-kliem addizzjonali li ġej għandu jiżdied maċ-ċertifikati korrispondenti tas-saħħa stabbiliti fid-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE, jew imsemmija fid-Deċiżjoni 93/444/KEE:

"Trattament ta' insettiċida/element kimiku li jkeċċi/jbiegħed l-organiżmi bi … *(niżżel l-isem u l-prodott)* fi … *(niżżel id-data)* f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1266/2007 (*)

(*) ĠU L 283, 27.10.2007, p. 37."

▼**M3**

Artikolu 9a

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Sal- ►**M10** 30 ta' Ġunju 2011 ◄, b'deroga mill-Artikolu 8(1)(a) u msejsa fuq ir-riżultat ta' valutazzjoni tar-riskju li jqis il-kondizzjonijiet entomoloġiċi u epidemijoloġiċi tad-dħul ta' l-annimali, l-Istati Membri ta' destinazzjoni jistgħu jitolbu li l-moviment ta' l-annimali, li huma koperti mill-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) u li huma konformi ma' mill-inqas waħda mill-kondizzjonijiet stipulati fil-punti 1sa 4 tat-Taqsima A ta' l-Anness III iżda li ma jaqblux mal-punti 5, 6 u 7 ta' dik it-Taqsima, ikunu jaqblu mal-kondizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

(a) dawk l-annimali għandu jkollhom inqas minn 90 jum;

(b) iridu jkunu nżammu minn twelidhom f'post magħluq imħares mill-vettori;

(ċ) it-testijiet imsemmija f'punti 1, 3 u 4 tat-Taqsima A ta' l-Anness III iridu jkunu twettqu fuq kampjuni li jkunu ttieħdu mhux aktar kmieni minn sebat ijiem qabel id-data tal-moviment.

2. Kwalunkwe Stat Membru li bi ħsiebu japplika l-kondizzjonijiet addizzjonali stipulati fil-paragrafu 1 għandu jinnotifika lill-Kummissjoni minn qabel.

Huwa għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bit-tagħrif kollu u bid-*data* kollha meħtieġa għall-ġustifikazzjoni ta' l-applikazzjoni ta' dawk il-kondizzjonijiet addizzjonali minħabba fil-qagħda entomoloġika u epidemijoloġika tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-ispeċi tal-vettori u s-serotip tal-vajrus involut, il-kondizzjonijiet tal-klima, u t-tip ta' trobbija tar-ruminanti suxxettibbli.

Jekk il-Kummissjoni ma tkunx opponiet l-applikazzjoni fi żmien perjodu ta' sebat ijiem mid-data ta' notifika, l-Istat Membru li jagħti n-notifika jkollu d-dritt li japplika dawk il-kondizzjonijiet addizzjonali minnufih. Huwa għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra b'dan mingħajr dewmien.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku t-tagħrif dwar l-applikazzjoni tal-kondizzjonijiet addizzjonali skond il-paragrafu 2.

▼M8

4. Għall-annimali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-kliem addizzjonali li ġej għandu jiżdied maċ-ċertifikati korrispondenti tas-saħħa stabbiliti fid-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE, jew imsemmija fid-Deċiżjoni 93/444/KEE:

"L-Annimali li huma konformi mal-Artikolu 9a(1) tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007".

▼B

KAPITOLU 4

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 10

Revoka

Id-Deċiżjoni 2005/393/KE qiegħda tiġi rrevokata.

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ħames jum wara l-jum li fih jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M5

ANNESS I

Rekwiżiti minimi għall-programmi ta' monitoraġġ u sorveljanza tal-bluetongue (kif imsemmi fl-Artikolu 4)

1. *Rekwiżiti minimi għal programmi ta' monitoraġġ tal-bluetongue biex jiġu implimentati mill-Istati Membri f'żoni ristretti*

Il-programmi ta' monitoraġġ tal-bluetongue għandhom ikunu mmirati biex jipprovdu tagħrif dwar id-dinamika tal-bluetongue f'żona ristretta. L-għanijiet tal-programmi ta' monitoraġġ tal-bluetongue huma li tiġi rilevata l-ewwel inċidenza ta' serotipi ġodda tal-bluetongue u biex tiġi ppruvata l-assenza ta' ċerti serotipi tal-bluetongue. Għanijiet oħra jistgħu jinkludu l-prova tal-assenza ta' ċirkolazzjoni tal-virus bluetongue, id-determinazzjoni tal-perjodu staġjonalment ħieles mill-vettur u l-identifikazzjoni tal-ispeċi li tkun vettur.

L-unità ġeografika ta' referenza għall-għanijiet ta' monitoraġġ u sorveljanza tal-bluetongue għandha tkun definita minn grilja ta' linji ta' madwar 45 × 45 km (bejn wieħed u ieħor 2 000 km^2) sakemm kondizzjonijiet ambjentali speċifiċi ma jiġġustifikawx daqs differenti. L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw ir-"reġjun" kif iddefinit fl-Artikolu 2(p) tad-Direttiva 64/432/KEE bħala l-unità ġeografika ta' referenza għall-għanijiet ta' monitoraġġ u sorveljanza.

1.1. Il-programmi ta' monitoraġġ tal-bluetongue għandhom jikkonsistu tal-anqas f'sorveljanza klinika passiva u sorveljanza attiva bbażata fil-laboratorju, kif stabbilit fil-punti 1.1.1 u 1.1.2.

1.1.1. Is-sorveljanza klinika passiva għandha:

— tikkonsisti f'sistema formali, dokumentata kif xieraq u kontinwa mmirata lejn is-sejbien u l-investigazzjoni ta' suspetti ta' bluetongue, inkluża sistema ta' twissija bikrija għar-rapportar ta' każijiet suspettużi. Is-sidien jew id-detenturi u l-veterinarji għandhom jirrappurtaw minnufih kull suspett lill-awtorità kompetenti. Is-suspetti kollha mnissla mill-preżenza tas-serotipi tal-bluetongue mhux mistennija li jkunu preżenti fiż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti jridu jiġu investigati bir-reqqa minnfuh mill-awtorità kompetenti biex jinstabu fiċ-ċert is-serotipi tal-bluetongue li jkunu fiċ-ċirkolazzjoni;

— tiġi msaħħa b'mod speċifiku matul l-istaġun ta' attività tal-vettur;

— tiżgura li jseħħu kampanji ta' għarfien u li jkunu mmirati, b'mod partikolari, biex is-sidien jew id-detenturi u l-veterinarji jkunu jistgħu jidentifikaw sinjali kliniċi tal-bluetongue.

1.1.2. Is-sorveljanza attiva bbażata fil-laboratorju għandha tikkonsisti f'tal-inqas waħda minn dawn li ġejjin jew taħlita tagħhom: monitoraġġ seroloġiku b'annimali sentinella, stħarriġ seroloġiku/viroloġiku, jew monitoraġġ immirat li jkun ibbażat fuq ir-riskju, kif stabbilit fil-punti 1.1.2.1, 1.1.2.2 u 1.1.2.3.

▼M7

1.1.2.1. Il-monitoraġġ b'annimali sentinella:

— Il-monitoraġġ permezz ta' annimali sentinella għandu jikkonsisti fi programm annwali attiv ta' ttestjar ta' annimali sentinella mmirat lejn l-evalwazzjoni taċ-ċirkolazzjoni tal-virus *bluetongue* fi ħdan iż-żona ristretta. Fejn possibbli, l-annimali sentinella għandhom ikunu annimali bovini. Dawn għandhom ikunu f'partijiet taż-żona ristretta fejn, wara li ssir analiżi tar-riskji li tqis evalwazzjonijiet entomoloġiċi u ekoloġiċi, tkun ġiet ikkonfermata l-preżenza tal-organiżmu li jġorr il-mikrobu jew ikunu preżenti abitazzjonijiet xierqa għat-tnissil tal-organiżmu li jġorr il-mikrobu.

— L-annimali sentinella għandhom jiġu ttestjati mill-inqas kull xahar matul il-perjodu ta' attività tal-organiżmu li jġorr il-mikrobu involut, jekk ikun magħruf. F'nuqqas ta' tagħrif bħal dan l-annimali tal-madwar għandhom jiġu ttestjati mill-inqas darba kull xahar matul is-sena kollha.

— In-numru minimu ta' annimali sentinella għal kull unità ġeografika ta' referenza għall-għanijiet ta' monitoraġġ u sorveljanza tal-*bluetongue* għandu jkun rappreżentattiv u suffiċjenti biex tinstab inċidenza kull xahar ([1]) ta' 2 % bi grad ta' ċertezza ta' 95 % f'kull unità ġeografika ta' referenza;

— L-ittestjar fil-laboratorju għandu jkun maħsub b'mod li wara t-testijiet ta' skrining pożittiv ikun hemm testijiet seroloġiċi/viroloġiċi speċifiċi tas-serotip immirati għas-serotip jew serotipi tal-*bluetongue* neċessarji biex tkun aċċertata ċ-ċirkolazzjoni ta' serotip speċifiku f'kull żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti.

▼M8

1.1.2.2. Stħarriġ seroloġiku/viroloġiku:

— għandu jikkonsisti fi programm attiv annwali ta' ttestjar seroloġiku/-viroloġiku ta' popolazzjonijiet ta' speċi suxxettibbli, immirat biex tinstab evidenza tat-trażmissjoni tal-virus bluetongue permezz ta' ttestjar seroloġiku u/jew viroloġiku b'mod każwali implimentat fiż-żoni ġeografiċi kollha epidemijoloġikament rilevanti u mwettaq fil-perjodu tas-sena li fih hemm iktar probabbiltà li tinstab l-infezzjoni jew is-serokonverżjoni;

— għandu jkun maħsub b'tali mod li l-kampjuni jkunu rappreżentattivi u aġġustati mal-istruttura tal-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli li minnha jrid jittieħed kampjun fiż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti u d-daqs tal-kampjun ikun ġie kkalkulat biex tinstab prevalenza ta' 20 % bi grad ta' fiduċja ta' 95 % fil-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli ta' din iż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti. Għall-finijiet ta' demarkazzjoni ta' parti minn żona mħarsa bħala "żona b'anqas riskju" f'konformità mal-Artikolu 7(2a) l-istħarriġ għandu jkollu daqs ta' kampjun ikkalkulat biex tinstab prevalenza ta' 2 % bi grad ta' fiduċja ta' 95 % fil-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli ta' dik iż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti;

— għandu jiżgura li l-annimali seropożittivi minn popolazzjonijiet imlaqqmin jew immuni ma jinfluwenzawx l-istħarriġ seroloġiku;

([1]) Huwa stmat li r-rata normali annwali ta' serokonverżjoni f'żona infettata huwa ta' 20 %. Madankollu, fil-Komunità, iċ-ċirkolazzjoni tal-virus isseħħ l-aktar f'perjodu ta' madwar sitt xhur (tmiem ir-rebbiegħa/nofs il-ħarifa). Għalhekk 2 % hija stima konservattiva tar-rata mistennija ta' serokonverżjoni kull xahar.

▼M8

— għandu jiżgura li l-ittestjar fil-laboratorju jkun maħsub b'mod li wara t-testijiet ta' skrining pożittiv ikun hemm testijiet seroloġiċi/-viroloġiċi speċifiċi tas-sertotip immirati għas-serotip jew serotipi tal-bluetongue mistennija li jkunu preżenti fiż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti biex ikun ivverifikat b'ċertezza s-serotip speċifiku li jkun qed jiċċirkola.

— jista' wkoll ikun imfassal għall-monitoraġġ tal-kopertura tal-vaċċin u t-tqassim ta' serotipi differenti tal-bluetongue preżenti fiż-żona ristretta;

— jista' jinkludi wkoll l-ittestjar ta' kampjuni li inġabru għal skopijiet oħrajn, bħal kampjuni mill-biċċeriji jew mill-ħalib bl-ingrossa.

▼M5

1.1.2.3. Monitoraġġ immirat li jkun ibbażat fuq ir-riskju:

— għandu jikkonsisti f'sistema formali, iddokumentata sewwa u kontinwa bil-ħsieb li tiġi ppruvata l-assenza ta' ċerti serotipi speċifiċi ta' bluetongue;

— japplika għal popolazzjoni mmirata ta' annimali suxxettibbli b'riskju relattivament għoli, ibbażat fuq il-post li fih jinsabu, il-qagħda ġeografika u l-epidemijoloġija tas-serotip jew serotipi tal-bluetongue mistenni/ja li jkun/u preżenti fiż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti;

— irid ikollu strateġija ta' teħid ta' kampjuni li tkun taqbel mal-popolazzjoni mmirata definita. Id-daqs tal-kampjun ikun ġie ikkalkulat biex tinstab il-prevalenza preżunta (ibbażata fuq ir-riskju magħruf tal-popolazzjoni mmirata) bi grad ta' fiduċja ta' 95 % fil-popolazzjoni mmirata ta' dik iż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti. Kull meta l-kampjuni ma joriġinawx minn annimali individwali, id-daqs tal-kampjun irid jitraṅġa skont is-sensittività tal-proċeduri dijanjostiċi applikati.

1.2. Biex jiġi ddeterminat il-perjodu staġjonalment ħieles mill-vettur kif imsemmi fl-Anness V ta' dan ir-Regolament, is-sorveljanza entomoloġika trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

— għandha tikkonsisti f'tal-inqas programm attiv annwali ta' qbid tal-vettur permezz ta' nases b'aspirazzjoni li jkunu tqiegħdu f'post permanenti biex tiġi ddeterminata d-dinamika tal-popolazzjoni tal-vettur;

— nases b'aspirazzjoni mgħammra b'dawl ultravjola għandhom jintużaw b'konformità ma' protokolli stabbiliti minn qabel. In-nases iridu jitħaddmu tul il-lejl kollu u jridu jaħdmu b'rata ta' mill-inqas:

— lejl kull ġimgħa matul ix-xahar qabel il-bidu mistenni u matul ix-xahar ta' qabel it-tmiem mistenni tal-perjodu staġjonalment ħieles mill-vettur;

— lejl kull xahar matul il-perjodu staġunalment ħieles mill-vettur;

— fuq il-bażi tal-evidenza miksuba fl-ewwel tliet snin tat-tħaddim tagħhom, il-frekwenza ta' tħaddim tan-nases b'aspirazzjoni tista' tiġi aġġustata.

— f'kull żona epidemijoloġikament rilevanti taż-żona kollha staġjonalment ħielsa mill-bluetongue għandha titqiegħed mill-anqas nassa waħda. Proporzjon tal-insetti miġburin fin-nases b'aspirazzjoni għandu jintbagħat f'laboratorju speċjalizzat li kapaċi jgħodd u jidentifika l-ispeċi ta' vettur issuspettat.

▼M5

1.3. Monitoraġġ sabiex il-Kummissjoni jkollha tagħrif sostanzjat li juri l-assenza tal-virus tal-bluetongue li jiċċirkola f'żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti matul perjodu ta' sentejn, kif imsemmi fl-Artikolu 6(2):

— għandu jikkonsisti f'tal-inqas waħda minn dawn li ġejjin jew taħlita tagħhom: monitoraġġ seroloġiku b'annimali sentinella, stħarriġ seroloġiku/viroloġiku u monitoraġġ immirat li jkun ibbażat fuq ir-riskju, kif stabbilit fil-punti 1.1.2.1, 1.1.2.2 u 1.1.2.3;

— għandu jkun maħsub b'tali mod li l-kampjuni jkunu rappreżentattivi u aġġustati mal-istruttura tal-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli li minnha jrid jittieħed kampjun fiż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti u d-daqs tal-kampjun ikun gie kkalkulat biex tinstab prevalenza ta' 20 % ([1]) b'kunfidenza ta' 95 % fil-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli ta' din iż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti jekk ma jkunx ġie implimentat tlaqqim bil-massa; jew

— għandu jkun maħsub b'tali mod li l-kampjuni jkunu rappreżentattivi u aġġustati mal-istruttura tal-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli li minnha jrid jittieħed kampjun fiż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti u d-daqs tal-kampjun ikun gie kkalkulat biex tinstab prevalenza ta' 10 % ([2]) b'kunfidenza ta' 95 % fil-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli ta' din iż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti jekk ikun ġie implimentat tlaqqim bil-massa.

2. *Rekwiżiti minimi għall-programmi ta' sorveljanza tal-bluetongue li jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri barra minn żoni ristretti*

Il-programmi ta' sorveljanza tal-bluetongue għandu jkollhom l-għan li jiskopru kull inkursjoni tal-virus tal-bluetongue u li juru l-assenza ta' dan il-virus fi Stat Membru ħieles mill-bluetongue jew f'żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti.

Il-programmi ta' sorveljanza tal-bluetongue għandhom jikkonsistu tal-anqas f'sorveljanza klinika passiva u sorveljanza attiva bbażata fil-laboratorju, kif stabbilit fil-punti 2.1 u 2.2.

2.1. Is-sorveljanza klinika passiva:

— għandha tikkonsisti f'sistema formali, iddokumentata kif xieraq u kontinwa, immirata lejn is-sejbien u l-investigazzjoni ta' suspetti ta' bluetongue inkluża sistema ta' twissija bikrija għar-rapportar ta' każijiet suspettużi. Is-sidien jew id-detenturi u l-veterinarji għandhom jirrappurtaw minnufih kull suspett lill-awtorità kompetenti. Is-suspetti kollha għandhom jiġu investigati bir-reqqa u minnufih mill-awtorità kompetenti sabiex tikkonferma jew teskludi kull tifqigħa tal-bluetongue;

— għandha tissaħħaħ speċjalment matul l-istaġun ta' attività tal-vettur f'żoni li jkollhom riskju speċifiku relattivament ogħla, ibbażat fuq dejta ġeografika u epidemijoloġika;

— trid tiżgura li jseħħu kampanji ta' għarfien u li jkunu mmirati, b'mod partikolari, biex is-sidien jew id-detenturi u l-veterinarji jkunu jistgħu jidentifikaw sinjali kliniċi tal-bluetongue.

([1]) Minn stima nstab li 20 % hija r-rata normali annwali ta' serokonverżjoni f'żona infettata. Iżda, jekk hemm evidenza li r-rata annwali ta' serokonverżjoni fiż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti hija anqas minn 20 % id-daqs tal-kampjun irid jiġi kkalkulat biex tinstab l-iktar stima baxxa tal-prevalenza.

([2]) Huwa preżunt li 10 % hija r-rata annwali normali ta' serokonverżjoni f'żona vaċċinata. Iżda, jekk hemm evidenza li r-rata annwali ta' serokonverżjoni fiż-żona ġeografika vaċċinata rilevanti epidemijoloġikament hija iktar baxxa minn 10 %, id-daqs tal-kampjun irid jiġi kkalkulat biex tinstab l-iktar stima baxxa tal-prevalenza.

▼M5

2.2. Is-sorveljanza attiva bbażata fil-laboratorju għandha tikkonsisti f'tal-inqas waħda minn dawn li ġejjin jew taħlita tagħhom: monitoraġġ seroloġiku b'annimali sentinella, stħarriġ seroloġiku/viroloġiku, jew sorveljanza mmirata li tkun ibbażata fuq ir-riskju, kif stabbilit fil-punti 2.2.1, 2.2.2 u 2.2.3.

2.2.1. Monitoraġġ seroloġiku b'annimali sentinella

— Il-monitoraġġ seroloġiku b'annimali sentinella għandu jikkonsisti fi programm attiv annwali ta' ttestjar ta' annimali sentinella, immirat lejn is-sejbien tal-evidenza tat-trażmissjoni tal-virus bluetongue barra miż-żoni ristretti. Trid tingħata attenzjoni speċifika lil żoni ta' riskju għoli, fuq bażi ta' dejta ġeografika u epidemijoloġika;

— L-annimali sentinella għandhom jiġu ttestjati mill-inqas kull xahar matul il-perjodu ta' attività tal-vettur involut, jekk dan il-perjodu jkun magħruf. F'nuqqas ta' tagħrif bħal dan, l-annimali sentinella għandhom jiġu ttestjati mill-inqas darba kull xahar matul is-sena kollha;

— In-numru minimu ta' annimali sentinella għal kull unità ġeografika ta' referenza għall-għanijiet ta' monitoraġġ u sorveljanza tal-bluetongue għandu jkun rappreżentattiv u suffiċjenti biex tinstab inċidenza kull xahar ta' serokonverżjoni ([1]) ta' 2 % bi grad ta' fiduċja ta' 95 % f'kull unità ġeografika ta' referenza.

▼M8

2.2.2. Stħarriġ seroloġiku/viroloġiku:

— għandu jikkonsisti fi programm attiv annwali ta' ttestjar seroloġiku/-viroloġiku ta' popolazzjonijiet ta' speċi suxxettibbli, immirat biex tinstab evidenza tat-trażmissjoni tal-virus bluetongue permezz ta' ttestjar seroloġiku u/jew viroloġiku b'mod każwali implimentat fiż-żoni ġeografiċi kollha epidemijoloġikament rilevanti u mwettaq fil-perjodu tas-sena li fih hemm iktar probabbiltà li tinstab l-infezzjoni jew is-serokonverżjoni;

— għandu jkun maħsub b'tali mod li l-kampjuni jkunu rappreżentattivi u aġġustati mal-istruttura tal-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli li minnha jrid jittieħed kampjun fiż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti u d-daqs tal-kampjun ikun ġie kkalkulat biex tinstab prevalenza ta' 20 % bi grad ta' fiduċja ta' 95 % fil-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli ta' din iż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti;

— għandu jiżgura li l-annimali seropożittivi minn popolazzjonijiet imlaqqmin jew immuni ma jinfluwenzawx l-istħarriġ seroloġiku;

— jista' jinkludi wkoll l-ittestjar ta' kampjuni li nġabru għal skopijiet oħrajn, bħal kampjuni mill-biċċeriji jew mill-ħalib bl-ingrossa.

([1]) Minn stima nstab li 20 % hija r-rata normali annwali ta' serokonverżjoni f'żona infettata. Iżda, fil-Komunità, iċ-ċirkolazzjoni tal-virus isseħħ f'perjodu ta' madwar sitt xhur (tmiem ir-rebbiegħa/nofs il-ħarifa). Għalhekk 2 % hija stima konservattiva tar-rata mistennija ta' kull xahar ta' serokonverżjoni.

▼**M5**

2.2.3. Sorveljanza mmirata li tkun ibbażata fuq ir-riskju

— għandha tikkonsisti f'sistema formali, iddokumentata sewwa u kontinwa bil-ħsieb li tiġi ppruvata l-assenza ta' ċerti serotipi speċifiċi ta' bluetongue;

— trid tkun ibbażata fuq għarfien sostanzjali tal-fatturi lokali ta' riskju; dan l-għarfien irid jippermetti l-identifikazzjoni tal-popolazzjoni mmirata b'riskju speċifiku relattivament ogħla li minnha jrid jittieħed kampjun;

— trid tiżgura li l-istrateġija mmirata ta' teħid ta' kampjuni tkun aġġustata mal-popolazzjoni mmirata ddefinita bħala waħda ta' riskju relattivament ogħla u d-daqs tal-kampjun ikun ġie kkalkulat biex tinstab il-prevalenza preżunta (ibbażata fuq ir-riskju magħruf tal-popolazzjoni mmirata) bi grad ta' fiduċja ta' 95 % fil-popolazzjoni mmirata ta' dik iż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti.

▼B

ANNESS II

Tagħrif li għandu jiġi trasmess mill-Istati Membri lill-*BT-Net system* (irreferit fl-Artikolu 5(2))

It-tagħrif li għandu jiġi trasmess mill-Istati Membri lill-*BT-Net system* għandu jinkludi mill-inqas dan li ġej:

1. **Dejta seroloġika/viroloġika dwar il-*bluetongue***

   (a) Diviżjoni/unità amministrattiva

   (b) Speċi ta' annimali ttestjati

   (c) It-tip ta' skema ta' sistema għas-sorveljanza ("sistema ta' għassa" jew "servej perjodiku")

   (d) It-tip ta' testijiet dijanjostiċi li jsiru (ELISA, newtralizzazzjoni tas-serum, PCR, iżolament tal-virus)

   (e) Ix-xahar u s-sena

   (f) In-numru ta' annimali li jkunu ġew ittestjati ([1])

   (g) In-numru ta' annimali pożittivi

   (h) Is-serotip iddeterminat b'mod seroloġiku jew viroloġiku (għandha tkun ipprovduta dejta f'każ ta' riżultati pożittivi għal testijiet għan-newtralizzazzjoni tas-serum jew għall-iżolazzjoni tal-virus)

2. **Dejta entomoloġika dwar il-*bluetongue***

   (a) Diviżjoni amministrattiva

   (b) L-identità unika tas-sit (kodiċi unika għal kull sit fejn isir il-qbid)

   (c) Id-data tal-ġbir

   (d) Il-latitudni u l-lonġitudni

   (e) In-numru totali ta' *Culicoides spp.* miġburin

   (f) In-numru ta' *C. imicola* miġburin, jekk ikun disponibbli

   (g) In-numru ta' *C. obsoletus Complex* miġburin, jekk ikun disponibbli

   (h) In-numru ta' *C. obsoletus sensu strictu* miġburin, jekk ikun disponibbli

   (i) In-numru ta' *C. scoticus* miġburin, jekk ikun disponibbli

   (j) In-numru ta' *C. Pulicaris Complex* miġburin, jekk ikun disponibbli

   (k) In-numru ta' *C. Nubeculosus complex* miġburin, jekk ikun disponibbli

   (l) In-numru ta' *C. dewulfii* miġburin, jekk ikun disponibbli

   (m) Dejta rilevanti oħra

3. **Id-data tat-tilqim tal-*bluetongue***

   (a) Diviżjoni amministrattiva

   (b) Is-sena/is-semestru

   (c) It-tip ta' vaċċin

   (d) Il-ġabra tas-serotipi

([1]) Jekk jintużaw provvisti ta' sera, għandha tiġi rrapportata stima tan-numru ta' annimali li jikkorrispondi għall-provvisti li jkunu ġew ittestjati.

▼B

(e) L-ispeċi ta' l-annimali li jkunu ġew ivvaċċinati

(f) In-numru totali ta' merħliet fl-Istat Membru

(g) In-numru totali ta' annimali fl-Istat Membru

(h) In-numru totali ta' merħliet fil-programm ta' tilqim

(i) In-numru totali ta' annimali fil-programm ta' tilqim

(j) In-numru totali ta' merħliet li jkunu ġew ivvaċċinati

(k) In-numru ta' annimali li jkunu ġew ivvaċċinati (fejn it-tip ta' tilqim huwa "tilqim ta' frieħ")

(l) In-numru ta' frieħ li jkunu ġew ivvaċċinati (fejn it-tip ta' tilqim huwa "tilqim tal-massa")

(m) In-numru ta' adulti li jkunu ġew ivvaċċinati (fejn it-tip ta' tilqim huwa "tilqim tal-massa")

(n) Id-doża tal-vaċċin li jkun ingħata

▼M1

ANNESS III

Kondizzjonijiet għall-eżenzjoni mill-probizzjoni fuq il-ħruġ (imsemmija fl-Artikoli 7(2)(a) u 8(1)(a))

▼M4

A. **Annimali**

L-annimali jridu jkunu ġew protetti kontra attakki tal-*Culicoides* li jġorr il-mikrobu matul it-trasport lejn il-post tad-destinazzjoni.

Barra minn hekk, mill-inqas waħda mill-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti minn 1 sa 7 għandha tiġi sodisfatta.

1. L-annimali nżammu sad-dispaċċ matul il-perjodu staġonalment ħieles mill-organiżmi li jġorru l-mikrobu ddefinit skond l-Anness V, f'żona staġonalment ħielsa mill-bluetongue mill-inqas għal 60 jum qabel id-data taċ-ċaqliq u ġew suġġetti għal test għall-identifikazzjoni ta' l-aġent skond il-Manwal ta' Testijiet Dijanjostiċi u ta' Vaċċini għall-Annimali Terrestri ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE) ("Manwal għall-Annimali Terrestri ta' l-OIE"), b'riżultati negattivi, li jkun sar mhux iktar kmieni minn sebat ijiem qabel id-data taċ-ċaqliq.

   Madankollu, dak it-test għall-identifikazzjoni ta' l-aġent ma jkunx meħtieġ fi Stati Membri jew reġjuni ta' Stat Membru fejn biżżejjed dejta epidemjoloġika, miksuba wara l-implimentazzjoni ta' programm ta' superviżjoni għal perjodu ta' mhux inqas minn tliet snin, tissostanzja d-determinazzjoni tal-perjodu staġjonalment ħieles mill-organiżmi li jġorru l-mikrobu ddefinit skond l-Anness V.

   L-Istati Membri li jagħmlu użu minn dik il-possibbiltà għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

   Meta l-annimali msemmija f'dan il-punt ikunu maħsubin għall-kummerċ fil-Komunità, il-kliem supplimentari li ġej għandu jiżdied maċ-ċertifikati korrispondenti tas-saħħa stabbiliti fid-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE:

   "L-annimal(i) nżamm(u) sad-dispaċċ f'żona staġjonalment ħielsa mill-bluetongue matul il-perjodu staġjonalment ħieles mill-organiżmi li jġorru l-mikrobu li beda fi … (*daħħal id-data*) mit-twelid jew mill-inqas għal 60 jum u, jekk xieraq (*indika skond il-każ*), kien(u) suġġett(i) għal test għall-identifikazzjoni ta' l-aġent skond il-Manwal għall-Annimali Terrestri ta' l-OIE fuq kampjuni meħuda fi żmien sebat ijiem qabel id-dispaċċ, b'riżultati negattivi, f'konformità ma' l-Anness III.A(1) tar-Regolament (KE) Nru 1266/-2007."

2. ►M8 L-annimali nżammu, sad-dispaċċ, protetti minn attakki tal-organiżmi li jġorru l-mikrobu fi stabbiliment li jirreżiżti organiżmi li jġorru l-mikrobu għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel id-data tad-dispaċċ. ◄

   Meta l-annimali msemmija f'dan il-punt ikunu maħsubin għall-kummerċ fil-Komunità, il-kliem supplimentari li ġej għandu jiżdied maċ-ċertifikati korrispondenti tas-saħħa stabbiliti fid-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE:

   "Annimal(i) f'konformità ma' l-Anness III.A(2) tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007."

▼M4

3. ►M8 L-annimali nżammu, sad-dispaċċ, f'żona staġjonalment ħielsa mill-bluetongue matul il-perjodu staġjonalment ħieles mill-organiżmi li jġorru l-mikrobu, iddefinit skont l-Anness V, jew ġew protetti minn attakki ta' organiżmi li jġorru l-mikrobu fi stabbiliment li jirreżiżti organiżmi li jġorru l-mikrobu għal perjodu ta' mill-inqas 28 jum u kienu suġġetti matul dak il-perjodu għal test seroloġiku skont il-Manwal għall-Annimali Terrestri tal-OIE biex jinstabu l-antikorpi tal-grupp tal-virus tal-bluetongue, b'riżultati negattivi, li jkunu saru fuq kampjuni miġbura minn dak l-annimal mill-inqas 28 jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' ħarsien minn attakki tal-organiżmi li jġorru l-mikrobu jew tal-perjodu staġjonalment ħieles mill-organiżmi li jġorru l-mikrobu. ◄

Meta l-annimali msemmija f'dan il-punt ikunu maħsubin għall-kummerċ fil-Komunità, il-kliem supplimentari li ġej għandu jiżdied maċ-ċertifikati korrispondenti tas-saħħa stabbiliti fid-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE:

"Annimal(i) f'konformità ma' l-Anness III.A(3) tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007."

4. ►M8 L-annimali nżammu sad-dispaċċ f'żona staġjonalment ħielsa mill-bluetongue matul il-perjodu staġjonalment ħieles mill-organiżmi li jġorru l-mikrobu, iddefinit skont l-Anness V, jew ġew imħarsa minn attakki tal-organiżmi li jġorru l-mikrobu fi stabbiliment li jirreżisti l-organiżmi li jġorru l-mikrobu għal perjodu ta' mill-inqas 14-il jum u, matul dan il-perjodu, kienu suġġetti għal test għall-identifikazzjoni tal-aġent skont il-Manwal għall-Annimali Terrestri tal-OIE, b'riżultati negattivi, li jkun sar fuq kampjuni miġbura minn dak l-annimal mill-inqas 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' ħarsien minn attakki tal-organiżmi li jġorru l-mikrobu jew tal-perjodu staġjonalment ħieles mill-organiżmi li jġorru l-mikrobu. ◄

Meta l-annimali msemmija f'dan il-punt ikunu maħsubin għall-kummerċ fil-Komunità, il-kliem supplimentari li ġej għandu jiżdied maċ-ċertifikati korrispondenti tas-saħħa stabbiliti fid-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE:

"Annimal(i) f'konformità ma' l-Anness III.A(4) tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007."

5. L-annimali joriġinaw minn merħla mlaqqma skond programm ta' tilqim adottat mill-awtorità kompetenti u l-annimali tlaqqmu kontra s-serotip(i) preżenti jew li x'aktarx ikun(u) preżenti f'żona ġeografika ta' l-oriġini epidemjoloġikament rilevanti, l-annimali għadhom fil-perjodu ta' l-immunità ggarantit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin approvat fil-programm ta' tilqim u l-annimali jissodisfaw mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) tlaqqmu iktar minn 60 jum qabel id-data taċ-ċaqliq;

▼M7

(b) tlaqqmu b'vaċċin inattivat qabel mill-inqas in-numru ta' jiem meħtieġa għall-bidu tal-protezzjoni tal-immunità stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin approvat fil-programm ta' tilqim u ġew suġġetti għal test għall-identifikazzjoni tal-aġent skont il-Manwal tal-Annimali Terrestri tal-OIE, b'riżultati negattivi, li jkun sar mill-inqas 14-il jum wara l-bidu tal-protezzjoni tal-immunità stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin approvat fil-programm ta' tilqim; madankollu, it-test għall-identifikazzjoni tal-aġent mhuwiex neċessarju għall-movimenti ta' annimali minn parti taż-żona ristretta ddemarkata bħala "żona b'riskju aktar baxx" skont l-Artikolu 7.2(a) ta' dan ir-Regolament.

▼**M4**

(c) kienu tlaqqmu qabel u tlaqqmu mill-ġdid b'vaċċin inattivat fil-perjodu ta' l-immunità ggarantit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin approvat fil-programm ta' tilqim;

(d) matul il-perjodu staġonalment ħieles mill-organiżmi li jġorru l-mikrobu, iddefinit skond l-Anness V, inżammu f'żona staġonalment ħielsa mill-bluetongue, mit-twelid jew għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel id-data tat-tilqim u tlaqqmu b'vaċċin inattivat mill-inqas qabel in-numru ta' jiem neċessarji għall-bidu tal-protezzjoni ta' l-immunità stabbilit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin approvat fil-programm ta' tilqim.

Meta l-annimali msemmija f'dan il-punt ikunu maħsubin għall-kummerċ fil-Komunità, il-kliem supplimentari li ġej għandu jiżdied maċ-ċertifikati korrispondenti tas-saħħa stabbiliti fid-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE:

"Annimal(i) mlaqqam/mlaqqma kontra serotip(i) tal-bluetongue … (*niżżel is-serotip(i)*) bi … (*niżżel l-isem tal-vaċċin*) b'vaċċin inattivat/vaċċin ħaj immodifikat (indika, skond il-każ) skond l-Anness III.A(5) tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007."

6. L-annimali qatt ma tlaqqmu kontra l-bluetongue u dejjem inżammu f'żona ġeografika ta' l-oriġini epidemjoloġikament rilevanti fejn mhux iktar minn serotip wieħed kien preżenti jew huwa preżenti jew x'aktarx li jkun preżenti u:

(a) kienu soġġetti għal żewġ testijiet seroloġiċi skond il-Manwal għall-Annimali Terrestri ta' l-OIE għall-individwazzjoni ta' antikorpi kontra s-serotip tal-virus tal-bluetongue, b'riżultati pożittivi; l-ewwel test għandu jitwettaq fuq kampjuni li ttieħdu bejn 60 u 360 jum qabel id-data taċ-ċaqliq u t-tieni test jitwettaq fuq kampjuni li jkunu ttieħdu mhux aktar kmieni minn sebat ijiem qabel id-data tal-moviment; jew

(b) ġew suġġetti għal test seroloġiku skond il-Manwal ta' l-Annimali Terrestri ta' l-OIE għall-individwazzjoni ta' antikorpi kontra s-serotip tal-virus tal-bluetongue, b'riżultati pożittivi; it-test irid isir mill-inqas 30 jum qabel id-data taċ-ċaqliq u l-annimali jridu jkunu suġġetti għal test għall-identifikazzjoni ta' l-aġent skond il-Manwal ta' l-Annimali Terrestri ta' l-OIE, b'riżultati negattivi, li jkun sar mhux iktar kmieni minn sebat ijiem qabel id-data tal-moviment.

Meta l-annimali msemmija f'dan il-punt ikunu maħsubin għall-kummerċ fil-Komunità, il-kliem supplimentari li ġej għandu jiżdied maċ-ċertifikati korrispondenti tas-saħħa stabbiliti fid-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE:

"L-annimal(i) ġie/ġew suġġett(i) għal test seroloġiku skond il-Manwal ta' l-Annimali Terrestri ta' l-OIE għall-individwazzjoni ta' antikorpi kontra s-serotip tal-virus bluetongue … (*indika s-serotip*) f'konformità ma' l-Anness III.A(6) tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007."

▼M4

7. L-annimali qatt ma tlaqqmu kontra l-virus tal-bluetongue u ġew soġġetti b'riżultati pożittivi għal żewġ testijiet seroloġiċi adegwati skond il-Manwal għall-Annimali Terrestri ta' l-OIE li kapaċi jindividwaw antikorpi speċifiċi kontra s-serotipi kollha tal-virus tal-bluetongue preżenti, jew li għandhom mnejn ikunu preżenti, fiż-żona ġeografika ta' l-oriġini epidemjoloġikament rilevanti, u

(a) l-ewwel test jeħtieġ li jkun twettaq fuq kampjuni li ttieħdu bejn 60 u 360 jum qabel id-data taċ-ċaqliq u t-tieni test irid ikun twettaq fuq kampjuni li ttieħdu mhux aktar kmieni minn sebat ijiem qabel id-data taċ-ċaqliq; jew

(b) it-test seroloġiku speċifiku tas-serotipi għandu jkun sar mill-inqas 30 jum qabel id-data taċ-ċaqliq u l-annimali jkunu ġew suġġetti għal test għall-identifikazzjoni ta' l-aġent skond il-Manwal ta' l-Annimali Terrestri ta' l-OIE, b'riżultati negattivi, li jkun sar mhux iktar kmieni minn sebat ijiem qabel id-data taċ-ċaqliq.

Meta l-annimali msemmija f'dan il-punt ikunu maħsubin għall-kummerċ fil-Komunità, il-kliem supplimentari li ġej għandu jiżdied maċ-ċertifikati korrispondenti tas-saħħa stabbiliti fid-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE:

"L-annimal(i) ġie/ġew suġġett(i) għal test seroloġiku speċifiku skond il-Manwal ta' l-Annimali Terrestri ta' l-OIE għall-individwazzjoni ta' antikorpi kontra s-serotipi kollha tal-virus bluetongue … (*indika s-serotipi*) preżenti jew li mnejn ikunu preżenti f'konformità ma' l-Anness III.A(7) tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007";

▼M7

Għal annimali tqal, dawn għandhom ikunu konformi ma' tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet stipulati fil-punti 5, 6 u 7 qabel l-inseminazzjoni jew it-tgħammir, jew il-kundizzjoni stipulata fil-punt 3 għandha tkun rispettata. Fil-każ ta' test seroloġiku, kif stipulat fil-punt 3, it-test għandu jsir biss fl-aħħar sebat ijiem mid-data taċ-ċaqliq.

▼M4

Meta l-annimali msemmija f'dan il-punt ikunu maħsubin għall-kummerċ fil-Komunità, il-kliem supplimentari li ġej għandu jiżdied, skond il-każ, maċ-ċertifikati korrispondenti tas-saħħa stabbiliti fid-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 92/65/KEE:

"L-annimal(i) mara/nisa mhijiex/mhumiex tqila/tqal", jew

"L-annimal(i) mara/nisa għandha/hom mnejn tkun/ikunu tqila/tqal u tikkonforma/jikkonformaw mal-kundizzjoni(jiet) … (*stipulata/stipulati fil-punti 5, 6 u 7 qabel l-inseminazzjoni jew it-tgħammir, jew stipulata/-stipulati fil-punt 3; indika skond il-każ*)".

▼M1

B. **Is-semen ta' l-annimali**

Is-semen irid jinkiseb minn annimali donaturi li jkunu konformi mill-inqas ma' waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) nżammu barra żona ristretta għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel il-bidu tal-ġbir tas-semen u matulu;

▼M8

(b) huma ġew imħarsa kontra attakki minn organiżmi li jġorru l-mikrobu fi stabbiliment li jirreżisti l-organiżmi li jġorru l-mikrobu għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel il-bidu tal-ġbir tas-semen u matulu;

▼M1

(ċ) inżammu matul il-perjodu ħieles staġjonali mill-organiżmi li jġorru l-mikrobu f'żona ħielsa staġjonali mill-bluetongue, iddefinita f'konformità ma' l-Anness V, għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel il-bidu tal-ġbir tas-semen u matulu, u jkunu ġew suġġetti għal test għall-identifikazzjoni ta' l-aġent skond il-Manwal ta' l-Annimali li jgħixu fuq l-Art ta' l-OIE, b'riżultati negattivi, li jkun sar mhux iktar kmieni minn sebat ijiem qabel id-data tal-bidu tal-ġbir tas-semen.

Madankollu, dan it-test għall-identifikazzjoni ta' l-aġent ma jinħtieġx fi Stati Membri jew reġjuni ta' Stat Membru fejn biżżejjed *data* epidemjoloġika, li tinkiseb wara l-implimentazzjoni ta' programm għall-immonitorjar matul perjodu ta' mhux inqas minn tlett snin, tissostanzja d-determinazzjoni tal-perjodu ħieles staġjonali mill-organiżmi li jġorru l-mikrobu, kif iddefinit fl-Anness V.

L-Istati Membri li jagħmlu użu minn din il-possibbiltà għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali;

▼M5

(d) ikunu ġew suġġetti għal test seroloġiku skont il-Manwal tal-Annimali Terrestri tal-OIE biex jinstabu antikorpi għall-grupp tal-virus bluetongue, b'riżultati negattivi, mill-inqas kull 60 jum matul il-perjodu ta' ġbir u bejn 21 u 60 jum wara l-aħħar ġbir tas-semen li jrid jintbagħat;

(e) ikunu ġew suġġetti għal test għall-identifikazzjoni tal-aġent, b'riżultati negattivi, skont il-Manwal tal-Annimali Terrestri tal-OIE li jkun sar fuq kampjuni tad-demm miġbura:

(i) fil-bidu u fl-aħħar ġbir tas-semen li jrid jintbagħat; kif ukoll

(ii) matul il-perjodu ta' ġbir tas-semen:

— mill-inqas kull sebat ijiem, f'każ ta' test ta' iżolazzjoni tal-virus, jew

— mill-inqas kull 28 jum, f'każ ta' test ta' reazzjoni katina ta' enzimi li jikkatalizzaw il-polimerizzazzjoni.

▼M1

Meta s-semen imsemmi f'din it-Taqsima ikun maħsub għall-kummerċ fil-Komunità jew għall-esportazzjoni lejn pajjiż terz, il-kliem supplimentari li ġej għandu jiżdied maċ-ċertifikati korrispondenti tas-saħħa stabbiliti fid-Direttivi tal-Kunsill 88/407/KEE ([1]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/388/KEE ([2]) jew imsemmija fid-Deċiżjoni 93/444/KEE:

"Semen miksub minn annimali donaturi li jikkonformaw ma' … (*il-punt (a), (b), (ċ), (d) jew (e), indika kif xieraq*) ta' l-Anness III.B tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007".

C. **Ova u embrijuni ta' l-annimali**

1. Embrijuni miksuba *in vivo* u ova ta' annimali ta' l-ifrat għandhom ikunu nkisbu minn annimali donaturi li ma juru l-ebda sinjal kliniku tal-bluetongue fil-jum tal-ġbir.

([1]) ĠU L 194, 22.7.1988, p. 10.
([2]) ĠU L 234, 3.10.1995, p. 30.

▼**M1**

2. Embrijuni u ova ta' annimali barra dawk ta' l-ifrat u embrijuni ta' annimali ta' l-ifrat prodotti *in vitro* jridu jkunu nkisbu minn annimali donaturi li jkunu konformi ma' mill-inqas waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) inżammu barra żona ristretta għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel il-bidu tal-ġbir ta' l-embrijuni/ta' l-ova u matulu;

▼**M8**

(b) ikunu ġew imħarsa kontra attakki minn organiżmi li jġorru l-mikrobu fi stabbiliment li jirreżisti l-organiżmi li jġorru l-mikrobu għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel il-bidu tal-ġbir tal-embrijuni/tal-bajd u matulu;

▼**M1**

(ċ) ikunu ġew suġġetti għal test seroloġiku skond il-Manwal ta' l-Annimali li jgħixu fuq l-Art ta' l-OIE għas-sejbien ta' antikorpi għall-grupp tal-vajrus bluetongue, bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir ta' l-embrijuni/ta' l-ova, b'riżultati negattivi;

(d) ikunu ġew suġġetti għal test għall-identifikazzjoni ta' l-aġent skond il-Manwal ta' l-Annimali li jgħixu fuq l-Art ta' l-OIE fuq kampjun tad-demm li jkun ittieħed dakinhar tal-ġbir ta' l-embrijuni/ta' l-ova, b'riżultati negattivi.

3. Meta l-ova u l-embirjuni msemmija fil-punti 1 u 2 ikunu maħsubin għall-kummerċ fil-Komunità jew għall-esportazzjoni lejn pajjiż terz, il-kliem supplimentari li ġej għandu jiżdied maċ-ċertifikati korrispondenti tas-saħħa stabbiliti fid-Direttivi tal-Kunsill 89/556/KEE ([1]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/388/KEE jew imsemmija fid-Deċiżjoni 93/444/KEE:

"Embirjuni/ova miksuba mill-annimali donaturi li jikkonformaw ma' … (*il-punt 1; il-punt 2(a), il-punt 2(b), il-punt 2(ċ) jew il-punt 2(d), indika kif xieraq*) ta' l-Anness III.C tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007".

Il-Punt 2(a) ta' l-Anness B tad-Direttiva 89/556/KEE m'għandux japplika għall-ova u l-embrijuni miġbura mill-annimali donaturi miżmuma fi stabbilimenti soġġetti għal projbizzjoni veterinarja jew miżuri ta' kwarantina b'rigward għall-bluetongue.

([1]) ĠU L 302, 19.10.1989, p. 1.

▼B

ANNESS IV

Kriterji għall-għażla tal-biċċeriji għall-eżenzjoni mill-projbizzjoni fuq il-ħruġ (irreferiti fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 8(5))

Għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni tar-riskji għall-għażla tal-biċċeriji sabiex il-movimenti ta' l-annimali jkunu ggwidati minn azjenda li tinsab f'żona ristretta lejn il-qatla immedjata, l-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni għandha tuża mill-inqas il-kriterji li ġejjin:

1. id-dejta disponibbli permezz ta' programmi għall-immonitorjar u għas-sorveljanza, l-iktar fir-rigward ta' l-attività ta' organiżmi li jġorru l-mikrobu;
2. id-distanza mill-punt tad-dħul fiż-żona mhux ristretta sal-biċċerija;
3. id-dejta entomoloġika dwar ir-rotta;
4. il-perjodu tal-jum li matulu jseħħ it-trasport f'relazzjoni mas-sigħat ta' attività ta' l-organiżmi li jġorru l-mikrobu;
5. l-użu possibbli ta' insettiċidi u ta' elementi kimiċi li jkeċċu l-insetti f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [1];
6. il-post fejn tinsab il-biċċerija fir-rigward ta' l-azjendi tal-bhejjem;
7. il-miżuri ta' bijosigurtà fis-seħħ fil-biċċerija.

[1] ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/104/KE.

▼B

ANNESS V

Kriterji għad-definizzjoni tal-perjodu ħieles mill-organiżmi li jġorru l-mikrobu skond l-istaġun (irreferiti fl-Artikolu 9(3))

Għall-finijiet li tiġi ddeterminata żona ħielsa mill-*bluetongue* skond l-istaġun, il-perjodu ħieles mill-organiżmi li jġorru l-mikrobu skond l-istaġun għal żona ġeografika speċifika rilevanti b'mod epidemjoloġiku ta' Stat Membru ("żona ġeografika rilevanti b'mod epidemjoloġiku") għandha tkun iddefinita mill-awtorità kompetenti bl-użu ta' mill-inqas il-kriterji li ġejjin:

1. **Kriterji ġenerali**

   (a) Irid ikun hemm fis-seħħ programm għall-immonitorjar u/jew għas-sorveljanza tal-*bluetongue*.

   (b) Il-kriterji speċifiċi u l-limiti użati għad-determinazzjoni tal-perjodu ħieles mill-organiżmi li jġorru l-mikrobu skond l-istaġun għandhom ikunu ddefiniti billi jitqiesu l-ispeċi tal-*Culicoides* li ġew ippruvati jew li huma ssuspettati li huma l-organiżmi ewlenin li jġorru l-mikrobu fiż-żona ġeografika rilevanti b'mod epidemjoloġiku.

   (c) Il-kriterji użati għad-determinazzjoni tal-perjodu ħieles mill-organiżmi li jġorru l-mikrobu skond l-istaġun għandhom jiġu applikati filwaqt li titqies id-dejta minn snin kurrenti u preċedenti (dejta storika). Barra minn hekk, għandhom jitqiesu l-aspetti marbutin ma' l-istandardizzazzjoni ta' dejta ta' sorveljanza.

2. **Kriterji speċifiċi**

   (a) Ebda ċirkolazzjoni tal-virus *bluetongue* fi ħdan iż-żona ġeografika rilevanti b'mod epidemjoloġiku, kif muri mill-programmi għas-sorveljanza tal-*bluetongue* jew minn evidenza oħra li tissuġġerixxi waqfa fil-virus *bluetongue*.

   (b) Waqfien ta' l-organiżmu li jġorr il-mikrobu u ta' l-attività probabbli ta' l-organiżmu li jġorr il-mikrobu, kif muri permezz ta' sorveljanza entomoloġika bħala parti mill-programmi għall-immonitorjar u/jew għas-sorveljanza tal-*bluetongue*.

   (c) Qbid ta' speċi tal-*Culicoides* ippruvati jew issuspettati li huma l-organiżmi li jġorru l-mikrobu tas-serotip preżenti fiż-żona ġeografika rilevanti b'mod epidemjoloġiku taħt limitu massimu ta' organiżmi li jġorru l-mikrobu miġburin li għandu jiġi ddefinit għaż-żona ġeografika rilevanti b'mod epidemjoloġiku. Fl-assenza ta' evidenza soda li ssostni d-determinazzjoni tal-limitu massimu, għandu jkun hemm assenza totali ta' kampjuni tal-*Culicoides imicola* u għandhom jintużaw inqas minn ħames *parous Culicoides* għal kull nasba.

3. **Kriterji addizzjonali**

   (a) Kondizzjonijiet tat-temperatura li jħallu impatt fuq l-imġiba ta' l-attività ta' organiżmi li jġorru l-mikrobu għaż-żona ġeografika rilevanti b'mod epidemjoloġiku. Il-limiti tat-temperatura għandhom jiġu ddefiniti billi titqies l-imġiba ekoloġika ta' l-ispeċi tal-*Culicoides* ippruvati jew issuspettati li huma l-organiżmi li jġorru l-mikrobu tas-serotip preżenti fiż-żona ġeografika rilevanti b'mod epidemjoloġiku.